## 21 ta' Mejju, 1955

## Imħallef:
## Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Amabile Cauchi, M.L.A. *versus* Ganni Attard

**Inġurja — Verità tal-Fatti — Prova — Kredibbilità tax-Xhud — "system of Conduct" — "Plea of Justification" — Apoloġija — Art. 633 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-kwerelat li jissuma li jipprova l-verità tal-fatti inġurjużi attribwiti lill-kwerelant isir akkużatur privat; u l-prova li jeħtieġlu jagħmel biex jeħles mir-responsabbiltà ta' l-addebiti tiegħu għandha tkun talment konkluživa daqs kieku l-kwerelant kien qiegħed jiġi proċessat għal dawk l-imputazzjonijiet li ikun għamel kontra tiegħu l-kwerelat.*

*Kwantu għall-estensjoni tal-prova li jeħtieġlu jagħmel il-kwerelat, din għandha tkun tali li tiskontra l-imputazzjonijiet li ha jkun għamel a kariku tal-kwerelant. Għaldaqstant, jekk il-kwerelat ikun attribwixxa lill-kwerelant li dan, bħala membru tal-Assemblea Leġislattiva, aċċetta flus minn għand biex iqabbdu x-xogħol mal-Gvern, il-prova li għandu jagħmel hi dik li tali flus hu stess għal dan l-iskop, u mhux li ħa flus ħadd ieħor għall-istess ħaġa.*

*Il-fatt li l-Qorti tkun ippermettiet lill-kwerelat iġib provi biex juri li l-kwerelant irċieva flus minn għand ħadd ieħor għall-istess skop ma għandux jittieħed fis-sens li din il-prova ġiet permessa biex ikun jista' jiġi argumentat "sic et simpliciter" li, għax il-kwerelant suppost li rċieva flus minn għand ħadd ieħor, "ergo" hu verament irċieva flus anki minn għand il-kwerelat; imma biex wieħed jara kienx hemm dak li jissejjaħ "system of conduct". Għalhekk il-Qorti għandha tara jekk il-kwerelat ippruvax is-"system of conduct". Jekk jiġi pruvat, allura jista' jittieħed*

*Għandu element konfermatorju; jekk ma jiġix pruvat, [illegible] ix-xhieda tal-kwerelat li jafferma l-fatt attribwit lill-kwerelant għandha tiġi meqjusa waħedha, jekk ma jinġiebux elementi probatorji oħra ta' konferma.*

*Imbagħad il-Qorti għandha tara jekk ix-xhieda tal-kwerelat, kontradetta minn dik tal-kwerelant, hijiex talment kredibbli li tista' tikkonvinċiha li verament il-kwerelant ikkommetta l-abbuż lilu attribwit, u li b'hekk tkun ġiet raġġunta l-prova tal-verità. Jekk il-Qorti temmen lill-kwerelat, ix-xhieda tiegħu tkun biżżejjed; għax ix-xhieda, anki ta' xhud wieħed biss (ħlief fil-każijiet eċċettwati mill-liġi), tagħmel prova sħiħa u kompleta daqs kieku l-fatt ġie pruvat bix-xhieda ta' tnejn minn nies jew iżjed, jekk dik ix-xhieda tiġi emmnuta minn min għandu jiġġudika l-fatt.*

*Biex teżamina l-kredibbilità tax-xhud, il-Qorti għandha teżamina d-dettalji — eżami li għandu jsir dejjem, imma li jakkwista importanza akbar meta hemm biss żewġ xhieda, waħda tgħid abjad u l-oħra tgħid iswed. U fost il-kriterji tal-kredibbilità hemm dak tad-diportament tax-xhud fl-isbarra tax-xhieda, u dak tal-konsistenza tax-xhieda mal-materjal l-ieħor li jkollha quddiemha l-Qorti.*

*Il-fatt, imbagħad, li l-kwerelat l-ewwel jiddikjara li ma jridx jirtira dik l-attribuzzjoni inġurjuża magħmula lill-kwerelant, u mbagħad jiddikjara li jitlob skuża, juri nuqqas ta' komprensjoni tas-serjetà ta' l-inġurja u tar-responsabbiltà li din tixħet fuq min għamilha, li mhux suppost jitlob skuża għal addebitu tant serju, jekk dan hu veru.*

*Fil-każ preżenti, b'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, il-Qorti rriteniet li l-kwerelat ma laħaqx dik li "strigent proof" li hi meħtieġa biex tirnexxi l-eċċezzjoni tal-verità tal-fatti.*

L-imsemmi Amabile Cauchi għamel kwerela quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, kontra l-imsemmi Attard, talli dan, per mezz ta' affidavit, inġurjah gravement fl-unur tiegħu;

Il-kwerelant, fil-bidu tat-trattazzjoni tal-kawża in prima istanza, ikkonċeda lill-kwerelat il-fakoltà li jipprova, bi

skriminazzjoni tiegħu, il-verità tal-fatti allegati fl-affidavit. u l-kwerelat aċċetta li jagħmel din il-prova;

L-Ewwel Qorti, b'sentenza tagħha tas-7 ta' Diċembru 1954, ġiet għall-konklużjoni li l-kwerelat ma kienx laħaq din il-prova, u sabitu ħati skond l-imputazzjoni, u kkundannatu għall-ħlas tal-multa ta' £5 u għall-ħlas ta' l-ispejjeż proċesswali;

Il-kwerelat appella minn din is-sentenza quddiem din il-Qorti, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi assolt;

L-appell tiegħu mill-meritu kien jikkomprendi wkoll l-appell mid-digriet li kienet tagħt l-Ewwel Qorti fit-3 ta' Novembru, 1954, li biħ kienet ċaħdet it-talba tal-kwerelat biex dan jipproduċi bħala xhieda l-persuni minnu ndikati sabiex jipprova li l-kwerelant kien irċieva minn għand nies oħra, diversi mill-kwerelat, flus jew affarijiet oħra bħala rikompensa talli jsibilhom, jew talli sabilhom, xogħol mal-Gvern;

Din il-Qorti, fuq l-iskorta ta' preċedenti ġudizzjarji lokali, bażati f'din il-materja fuq sentenza tal-Qrati Ingliżi, bis-sentenza tagħha ta' l-5 ta' Frar 1955 (riportata in kopja fol. 34), ammettiet dawn il-provi bħala li jistgħu juru dik li tissejjaħ "system of conduct";

Għalhekk din il-Qorti semgħet numru rilevanti ta' provi ġodda, kif jidher mill-proċessi verbali ta' l-5 ta' Marzu, 1955 u tat-2 ta' April, 1955, fol. 45 u 59 ta' l-inkartament;

Il-Qorti semgħet ukoll l-argumenti tad-difensuri;

Wara li kkunsidrat il-provi kollha, din il-Qorti rraġunat b'dan il-mod;

L-affidavit, inkriminat mill-kwerelant, hu dak fol. 5, u jinsab konċepit hekk: — "Jiena, Ġanni Attard ......... niddikjara bil-ġurament tiegħi li jiena tajt is-somma ta' £5 lis-Sur Amabile Cauchi, M.L.A., u dan f'żewġ okkażjonijiet, jiġifieri tajtu £3 f'okkażjoni waħda, u £2 f'okkażjoni oħra; u dan meta huwa kien qed iħaddimni mal-Gvern ta' Malta bħala labourer";

Kif jingħad, il-kwerelant ta' lill-kwerelat il-fakoltà li jipprova l-verità, u dan aċċetta li jagħmel din il-prova;

B'dan il-mod il-kwerelat sar hu l-akkużatur; u l-Qorti, għalhekk, għandha teżamina jekk dan il-kwerelat irnexxielux jilħaq il-prova tal-kontenut ta' l-affidavit fuq riportat;

Hu ta' min josserva illi l-prova għandha tkun talment konklużiva daqs kieku l-kwerelant kien qed jiġi proċessat għal dawk l-imputazzjonijiet li saru kontra tiegħu mill-kwerelat. L-awtur Odgers — "On Libel and Slander", p. 518, 1929 edition — jgħid illi "the strictest proof is required". L-awturi Fisher and Strahan, fit-test tagħhom "The Law of the Press", 1898 edition, p. 193, jgħidu: — "The rule is that the charges must be proved by the evidence with the same particularity and conclusiveness as if the plaintiff were being tried and indicted for them". L-istess enfasi dwar il-prova hu mqiegħed mill-ġurisprudenza taljana in materja. Hekk il-Qorti ta' l-Appell ta' Ruma, b'sentenza tagħha tat-23 ta' Diċembru, 1891, kienet esprimiet ruħha b'dan il-mod: — "Allorchè il diffamatore è ammesso all'eccezione della verità, deve fornire una prova piena, larga e sicura dell'esistenza e verità dei fatti costituenti la imputazione";

Ir-raġuni ta' din l-insistenza tad-dottrina u tal-ġurisprudenza dwar li l-prova tal-verità għandha tkun stringenti hi rilevata f'sentenza tal-Qorti ta' Torin, 9 ta' Diċembru, 1902, b'dawn il-kliem "L'"exceptio veritatis" richiede non già dei semplici indizi, ma una prova piena e sicura, giacchè l'accoglimento di tale eccezione importa non soltanto l'esonero del giudicabile, ma imprime al querelante un marchio indelebile, molto più funesto nei suoi effetti che il semplice addebito diffamatorio" (Gpza. Cod. Pen. Ugo Conti, art. 394, para. 140, 144, 157);

Kwantu għall-estensjoni tal-prova li jeħtieġ li jagħmel il-kwerelat, din għandha tkun tali li tinkontra l-imputazzjonijiet li hu għamel fl-affidavit għak-kariku tal-kwerelant. Intqal fil-ġurisprudenza Ingliża (Weaver v. Lloyd, C. & P. 295, u Ingram v. Lawson, 5 Bing. N.C. 66), illi "the justification must be as broad as the charge, and must justify the precise charge";

Għalhekk il-kwerelat, biex jirnexxi fil-"plea of justification", għandu jagħti prova rassikuranti illi huwa ta lill-kwerelant flus bħala rigal talli ħaddmu mal-Gvern. Din hi l-"gist" taċ-"charge", din hija li "sting" tagħha; il-prova, għall-finijiet ta' din il-kawża, għandha tkun mhux dik li

taħ flus ħaddieħor, imma dik li taħ flus il-kwerelat, għax dak hu l-affidavit;

Il-kwerelat xehed hu stess, u kkonferma l-kontenut ta' l-affidavit. Il-kwerelant xehed ukoll, u ċaħad reċiżament li hu qatt irċieva flus mingħand il-kwerelat;

Il-kwerelat, fix-xhieda tiegħu, qal li fiż-żewġ okkażjonijiet li hu ta flus lill-kwerelant kienu weħedhom, u għalhekk ma hemm ebda xhud ieħor dwar dak il-fatt speċifiku;

Ġie prodott ix-xhud Carmelo Muscat, biex jgħid li l-kwerelat kien qallu li hu kien ta flus lill-kwerelant. Però, din id-dikjarazzjoni, li l-kwerelat għamel lil Muscat, ma għandhiex valur konfermatorju tax-xhieda tiegħu, għaliex tirrisolvi ruħha fi "hearsay evidence", u ma taqgħax fil-kategorija ta' eċċezzjonijiet li fihom jista' jkollha xi valur anki "hearsay evidence" (bħal, per eżempju, meta d-dikjarazzjoni tkun parti tar-"res gesta", eċċ.);

Din il-Qorti ppermettiet ukoll lill-kwerelat li jipproduċi provi li bihom hu ried juri li l-kwerelant kien irċieva flus minn għand nies oħra għall-istess fini. Issa, għandu jiġi immedjatament notat li l-iskop ta' din il-prova, hekk permessa minn din il-Qorti, kif hemm fis-sentenza fuq imsemmija li biha ġiet permessa, ma hux affattu dak li jista' jiġi argumentat "sic et simpliciter" li, għax il-kwerelant suppost li rċieva flus minn għand ħadd ieħor, "ergo" hu veru li rċieva flus anki mill-kwerelat, imma biss biex wieħed jara jekk kienx hemm dik li tissejjaħ "system of conduct". L-aspett ġuridiku ta' din ix-xorta ta' prova hu iċċarat minn dan il-bran tal-"Journal of Criminal Science", Vol. I, page 143, publikat taħt l-awspiċji tad-Dipartiment ta' Criminal Science fil-Fakolta' tal-Liġi tal-Università ta' Cambridge, li hu dan:— "It is not generally permissible, in order to prove that the prisoner is guilty of a particular offence, to show that he has been convicted of, or has committed. offences of a similar nature, although such evidence may be admitted to negative a defence of accident or want of intent, or where it is necessary to prove a system of con-

duct. It would certainly be unfair to invite a jury to convict on a charge of burglary because the prisoner could be proved to have been a burglar; and the general principle that the prosecution may not call evidence to show that the prisoner is likely to commit a particular offence is necessary as a safeguard against a conviction upon insufficient evidence. If, however, there are peculiar features in the manner in which the offence was committed, a sort of individual technique, evidence that the prison has committed similar offences in the same way might, it is suggested, be given, not as showing the prisoner to be a man of bad character, but as identifying him by his handwork";

Il-Qorti għalhekk għandha tara jekk bil-provi li saru rnexxiex lill-kwerelat, li fuqu nxteħet il-piż tal-prova bħala akkużatur privat, li jassoda dan is-"system of conduct" mill-parti tal-kwerelant; illi, ċjoè, anki f'okkażjonijiet oħra hu kien jirċievi rigali ta' flus minn għand ħadd ieħor;

Ix-xhud Carmelo Muscat qal hekk fix-xhieda tiegħu: — "Jiena kont impjegat mal-Gvern............";

Toni Vella jgħid li hu ra lil Muscat jagħti flus lill-kwerelant...............;

Ix-xhud Emmanuele Camilleri jgħid li hu kien ta' £5 lill-kwerelant talli kien daħħlu mal-Gvern;

Għalhekk, f'dan l-istadju, il-Qorti għandha tara jekk il-kwerelat irnexxielux jipprova s-"system of conduct" fuq imsemmi bix-xhieda ta' Carmelo Muscat u ta' Emmanuele Camilleri, u b'dik ta' Toni Vella, li jgħid li ra lill Muscat jagħti flus lill-kwerelant. Jekk dan is-"system of conduct" ġie pruvat, allura, fl-eżami li l-Qorti għad trid tagħmel tal-attendibbilità o meno tax-xhieda tal-kwerelat, dak is-"system of conduct" jista' jittieħed bħala element konfermatorju. Jekk is-"system of conduct" ma ġiex pruvat, allura x-xhieda tal-kwerelat għandha tiġi meqjusa weħedha, għax ma nġiebux ebda elementi probatorji oħra ta' konferma;

Kif ingħad diġà fil-bran ċitat tad-dottrina ngliża in propożitu, ma hux leċitu għall-ġudikant li jirraġuna b'dan il-mod, li ċjoè, jgħid li, jekk hu pruvat li l-kwerelant drabi oħra ħa flus minn għand ħadd ieħor, dan il-fatt jikkonfer-

ma x-xhieda tal-kwerelat li l-kwerelant ħa flus minn għandu ukoll; għax b'daqshekk wieħed ikun qiegħed iġib prova ta' fatt wieħed bħala prova ta' fatt ieħor distint. Dak li l-Qorti għandha tiddeċidi, għall-finijiet ta' din l-indaġini dwar is-"system of conduct", hu jekk il-kwerelat ġiebx provi biż-żejjed biex, fil-kumpless tagħhom attendibbli, jistabbilixxu dan is-"system of conduct";

Issa, kwantu għax-xhieda ta' Emmanuele Camilleri, il-Qorti ma tantx tħossa persważa li taċċettaha bħala vera. Irriżulta, difatti ............;

Il-kredibbilità ta' dan ix-xhud Camilleri, diġà skossa minħabba din l-ommissjoni mhux spjegabbli, tiġi skossa aktar meta wieħed jirrileva ċirkustanza oħra. Jekk wieħed jaċċetta l-versjoni ta' dan ix-xhud dwar l-offerta, li hu skond ma jgħid, għolla sa £110 għal ċertu post mal-Gvern, ............ u għalhekk mhux verosimili dak li xehed Camilleri fil-bran tax-xhieda tiegħu fuq riportat;

F'materja tant delikata ta' kredibbilità il-Qorti ma tħossx li tista' toqgħod fuq ix-xhieda ta' Camilleri, in vista ta' dawn l-inverosimiljanzi;

Kwantu għax-xhieda ta' Karmnu Muscat, li jgħid li ta flus lill-kwerelant talli qabbdu xogħol mal-Gvern, kwantu għal okkażjoni waħda inġieb ix-xhud Toni Vella, li jgħid ... ............ intant, kif ingħad, meta l-kwerelant irrakkomanda lil ħadd ieħor, ma ħa xejn — ħaġa mhux verosimili jekk hu kien qiegħed qiesu jirkanta l-post. Lanqas hu konsistenti dak li jgħid l-istess Vella li, għal sitta u sebgħa darbiet li offrielu, il-kwerelant kien jgħidlu "dawn mhux bil-flus";

Però, ix-xhiediet ta' Karmnu Muscat, ta' Toni Vella u ta' Camilleri, bħala xhiediet intiżi biex t'intlaħaq il-prova li tistabbilixxi s-"system of conduct", jekk huma indeboliti bil-konsiderazzjonijiet li saru, huma għal kollox żvalorizzati meta wieħed jirrileva illi minn xhieda numerużi jirriżulta li, meta dawn ix-xhieda l-oħra offrew flus lill-kwerelant, dan dejjem irrespinġa l-offerta b'mod reċiż. Infatti, ix-xhud Carmela Cassar xehdet li hi darba offriet flus lill-kwerelant kemm-il darba jdaħħlilha t-tifel mal-Gvern, u l-kwerelant qalilha "jiena ma rridx li ssemmili flus". Ix-xhud Ġużepp

Mifsud jgħid......... Ix-xhud Antonio Attard afferma......... Ix-xhud Ġanni Galea jgħid......... Ix-xhud Lorenzo Spiteri jgħid......... Ix-xhud Anthony Zahra qal......... Ix-xhud Emmanuele Buttigieg qal......... Ix-xhud Joseph Vella xehed......... Ix-xhud Carmel Cini xehed......... Ix-xhud Emmanuele Camilleri (divers minn dak li ġa ssemma) qal ......... Ix-xhud Joseph Buttigieg xehed......... Ix-xhud Anġlu Cefai ried idaħħal it-tifel mal-Gvern ......... Ix-xhud Saverio Bajada xehed......... Ix-xhud Lorenzo Farrugia ried jagħti radjo lill-kwerelant ......... Ix-xhud George Bigeni ried jagħti £100 lill-kwerelant......... Carmel Muscat xehed ............ Salvatore Spiteri wkoll xehed li......

Dawn kienu każijiet ta' offerti ta' flus respinti mill-kwerelant qabel ma nqalghet il-kawża preżenti. S'intendi, kieku kienu każijiet posterjuri, il-valur tagħhom kien ikun null. Issa, di fronti għal din il-massa imponenti ta' provi li juru li l-kwerelant, f'okkażjonijiet moltepliċi, qabel ma oriġinat din il-kawża, irrespinġa offerti ta' flus li sarulu minn dawk li hu kien jgħin ħalli jaħdmu mal-Gvern, il-prova tas "system of conduct" li d-difiża tal-kwerelat riedet tagħmel per mezz tax-xhieda ta' Muscat, Camilleri u Vella, — ġa indebolita din ix-xhieda bir-riflessjonijiet superjorment magħmula, u kontradetta bix-xhieda tal-kwerelant, li ċaħad dak li qalu dawk it-tliet xhieda — ma tistax tik-konvinċi lill-Qorti; għaliex ma jidherx loġiku li jingħad li l-kwerelant kien soltu jirċievi rigali, u li kellu din d-drawwa tal-venalità u korruzzjoni, meta numru mhux traskurabbli ta' provi juru proprju l-kuntrarju. Kien hemm okkażjonijiet, kif fuq issemma, li hu kellu l-opportunità li jieħu rigali ta' flus aktar kospikwi minn dawk li semmew ix-xhieda tad-difiża, u kieku l-kwerelant kien sistematikament venali u korrott, ma kienx sejjer jirrifjuta rigal kospikwu jekk kien diġà waqa' li jirċievi ieħor ta' entità żgħira;

Ġaladarba, għalhekk, il-prova tas-"system of conduct" ma ġietx milħuqa, ebda ajjut ma jista' jkollha x-xhieda tal-kwerelat mill-provi addotti mid-difiża in sostenju tagħha; għax, kif ġie spjegat, dawk il-provi ġew permessi mhux għax il-kommissjoni ta' fatt wieħed simili tista' tin-

gieb, "ut sic", biex tipprova l-kommissjoni ta' fatt partikulari ieħor, per eżempju, biex jiġi pruvat li bniedem ikkommetta serq partikulari, tinġieb prova li f'okkażjoni oħra ikkommetta serq ieħor, ħaġa li ma hijiex ammissibbli, imma biss fis-sens li jistgħu juru "system of conduct". Una volta mhix raġġunta din il-prova, il-valur tagħhom jispiċċa;

Tibqa', għalhekk, ix-xhieda tal-kwerelat, li, kif ingħad, xehed li ta lill-kwerelant, talli ħaddmu mal-Gvern, darba rigal ta' flus ta' £3 u darba oħra ta' £2. Din ix-xhieda tal-kwerelat hi kontraddetta minn dik tal-kwerelant;

Ma jistax ċertament jittieħed bħala argument kontra l-kwerelat li hu ma pproduċa ebda xhud biex jikkonferma li ta lill-kwerelat jagħti dawn ir-rigali lill-kwerelant; għax min jikkommetti dawn l-abbużi la jieħu u lanqas ifittex xhieda. Lanqas jista' jiġi obbjettat, bħala prinċipju, li xhud wieħed mhux biżżejjed; għaliex anzi l-liġi stess, wara li tgħid li hu dmir ta' min irid jipprova fatt li jġib il-prova l-aktar sħieħa u soddisfaċenti, tkompli tgħid li x-xhieda ta' xhud wieħed biss (ħlief f'xi każijiet eċċettwati), jekk emnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħieħa u kompluta daqs kemm kieku l-fatt ġie pruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Kollox, għalhekk, jirrisolvi ruħu fi kwistjoni ta' kredibbilità;

Bil-prova tal-verità tal-konvičju l-kwerelant jinsab fil-pożizzjoni daqs kieku kien akkużat u proċessat għall-fatt lilu addebitat fl-affidavit. Il-Qorti, għalhekk, għandha tara jekk ix-xhieda tal-kwerelat hijiex talment kredibbli li tista' tikkonvinċiha li verament il-kwerelant ikkommetta l-abbużi msemmijin fl-affidavit, vwoldiri ssibu ħati ta' dak l-abbuż, u b'hekk, raġġunta l-prova tal-verità li assuma l-kwerelat;

Jekk il-Qorti temmen lill-kwerelat, ix-xhieda tiegħu tkun biżżejjed, avvolja weħedha;

Fir-rikors ta' l-appell hemm ilment li l-Ewwel Qorti appiljat ruħha għal ċirkustanzi ta' ebda mportanza biex tiskarta x-xhieda tal-kwerelat. Dan ir-riljev għandu jiġi kjarat. Biex tiżen il-kredibbilità, il-Qorti għandha teżamina d-dettalji — eżami li għandu jsir dejjem, imma li jakk-

wista importanza akbar meta hemm biss żewġ xhieda, waħda tgħid abjad u l-oħra iswed. Il-kriterji tal-kredibbilità huma traċċjati mill-awturi; u fost dawn il-kriterji hemm anki dak li jissejjaħ "the demeanour of the witness in the box", u dak li "the evidence must be consistent with the other materials before the Court" (ara Powell, On Evidence, p.505 u 506);

Il-liġi tagħna, fl-art. 633 Kap. 12 Edizzjoni Riveduta, semmiet ukoll il-kriterji ta' kredibbilità bil-kliem "......regard being had to the demeanour, conduct and character of the witness, to the probability, consistency and other features of his statement, to the corroboration which may be forthcoming from other testimony, and to all the circumstances of the case";

Għalhekk kien sewwa li l-*Maġistrat deċident in prima istanza* għamel l-eżami ta' diversi ċirkustanzi li, fil-fehma tiegħu, kienu jivvulneraw ix-xhieda tal-kwerelat;

Issa, l-Imħallef sedenti għamel dawn ir-riflessjonijiet meta ġie biex jiżen ix-xhieda tal-kwerelat:—

*Omissis;*

Dawn iċ-ċirkustanzi jinġeneraw suspett tal-possibbiltà ta' ċerta pressjoni fuq il-kwerelat;

(6) Hemm ukoll il-perplessità li ġġib iċ-ċirkustanza deposta mill-kwerelant fl-ewwel istanza, u mhux miċħuda mill-kwerelat jew minn missieru (li ma xehedx), illi, għad li l-kwerelat ma riedx jirtira d-dikjarazzjoni fl-affidavit, għax qal li dak li kien veru ma setgħax jgħid li ma kienx, eppure l-kwerelat, permezz ta' missieru, offra li jitlob skuża lill-kwerelant u jħallas l-ispejjeż tal-kawża, basta dan jneħħilu l-impediment tas-safar. Din iċ-ċirkustanza turi, għall-anqas, nuqqas ta' komprensjoni tas-serjetà ta' dikjarazzjoni ġurjuża u tar-responsabbiltà li tixħet fuq id-dikjarant, li ma hux suppost li jitlob skuża għal dikjarazzjoni tant serja, jekk hi vera;

In vista ta' dawn ir-riflessjonijiet, il-Qorti ma tħossx li tista' tagħti lix-xhieda tal-kwerelat dak il-piż u dik il-kredibbilità li huma meħtieġa biex tista' fuqha, b'konvinzjoni pjena, tibbaża dik li tammonta prattikament għal dik-

ġarazzjoni li l-kwerelant ikkommetta l-abbużi nkorporati fl-affidavit fol. 5;

Il-konsiderazzjonijiet kollha li ġew imsemmijin, bħala dawk li għamlet din il-Qorti fl-istudju tal-każ, huma tali li l-Qorti ma' tistax tgħid li l-kwerelat laħaq dik li-"strigent proof" tal-verità meħtieġa "in subjecta materia";

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż jitħallsu mill-kwerelat appellant. Dritt taddifensuri 12s. għal kull seduta.